

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-24 ta' Settembru 2012****li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012**

(2012/C 288/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1081/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2012 kien adottat definittivament fl-1 ta' Diċembru 2011 ⁽³⁾,
- fl-20 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2012,

Artikolu uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 kienet adottata fl-24 ta' Settembru 2012.

It-test sħiħ hu disponibbli għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil minn fuq is-sit web tal-Kunsill: <http://www.consilium.europa.eu/>

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2012.

*Għall-Kunsill**Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1, b'Corrigenda fil-ĠU L 25, 30.1.2003, p. 43 u fil-ĠU L 99, 14.4.2007, p. 18.

⁽²⁾ ĠU L 311, 26.11.2010, p. 9.

⁽³⁾ ĠU L 56, 29.2.2012, p. 1, b'Corrigenda fil-ĠU L 79, 19.3.2012, p. 1 u fil-ĠU L 184, 13.7.2012, p. 19.

ANNEX

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 għas-sena finanzjarja 2012, adottata mill-Kunsill fid-19 ta' Settembru 2012.

(Formola tal-għeluq).
